# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 4 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Guramentat Numru : 217/2017/LSO fl-ismijiet :**

**Awtorita` tad-Djar**

**vs**

**Loraine Silvia Alkounsul (KI 175885M) u Fathi Ali Alkounsul (KI 455112L)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Awtorita' tad-Djar datat 9 ta' Marzu 2017 fejn Mario Magro (KI 275274M), ufficjal tal-Awtorita', bil-gurament ikkonferma : -

Illi b'kuntratt datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia (Dok A), il-konvenuta kienet hadet l-Appartament numru sitta (6), Entratura D, Triq Guzeppi Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida, bil-kundizzjonijiet tal-Avviz numru sebgha u sittin (67) tas-sena 2002 ppublikata fil-Gazzerta tal-Gvern tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Dok A1);

Illi l-konvenuta waqqfet thallas lill-Bank li minnu hadet self;

Illi b'kuntratt datat ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-nutar Angele Rapa (Dok B), il-kuntratt ta' self u konvenju tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) gie rexiss u l-Awtorita` tad-Djar hallset l-ammont ta' sitta u sittin elf mitejn u tmintax-il ewro u tliet centezmi (€66,218.03) kif indikat fil-kuntratt u dan sabiex l-Awtorita` tad-Djar terga' tiehu pussess shih tal-istess fond l-Appartament numru 6 Entratura D, Triq Guzeppi Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida;

Illi l-istess kuntratt (Dok B) jinkludi s-segwenti obbligazzjonijiet min-naha tal-konvenuta u cioe': *"Illi l-komparenti Loraine Silvia Alkounsul qieghda tobbliga ruhu illi fi zmien xahar minn meta tigi infurmata mill-Awtorita' li giet allokata akkomodazzjoni ossia fond alternattiv mill-Awtorita' u dana permezz ta' ittra registrata mibghuta fl-indirizz tal-imsemmi immobbli, hija tirritorna c-cwievet kollha ta' l-imsemmi immobbli lill-Awtorita' u liema immobbli ghandu jigi rritornat lill-Awtorita' battal mill-affarijiet u l-oggetti kollha taghha, u fl-istat u l-kundizzjoni li rah il-perit*

*tal-istess Awtorita'. Inoltre', dana l-immobbli ghandu jigi rritornat lill-Awtorita' bil-pussess vakanti. Illi l-fond alternattiv li jista' jigi allokat mill-Awtorita' u/jew l-immobbli fl-Msida hawn fuq deskritt ghandu jintuza bhala r-residenza ordinarja tal-istess Loraine Silvia Alkounsul u d-dipendenti taghha. Kemm-il darba jirrizulta illi l-immobbli mhux qed jintuza bhala residenza ordinarja, l-Awtorita' ikollha dritt li titlob li tiehu lura l-pussess tal-fond";*

Illi l-Awtorita` tad-Djar permezz ta' ittra ufficjali datata dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) (Nru. 2434/2016) u notifikata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) (Dok C), intimat (*recte* 'intima') lill-konvenuta, li kienet giet allokata akkomodazzjoni ossia *flat* alternattiv. Minkejja t-trapass ta' xahar min-notifika ufficjali l-konvenuta naqset milli tirritorna c-cwievet kollha tal-imsemmi immobbli lill-Awtorita` tad-Djar;

Illi ghalhekk wara li l-Awtorita` tad-Djar hallset l-ammont fuq indikat u offriet residenza alternattiva issa l-konvenuta hija obbligata li tirritorna c-cwievet kollha u l-pussess battal tal-fond l-Appartament numru 6, Entratura D, Triq Guzeppi Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida, lill-Awtorita` tad-Djar. Il-konvenuta ghalkemm interpallata naqset li taghmel dan. *In vista* tan-nuqqas taghha li taghmel dan kellha tinbeda din il-kawza;

Illi fil-fond in kwistjoni illum qed jghix ukoll Fathi Ali Alkonsul u jirrizulta li l-okkupanti kollha tal-imsemmi fond qed izommu l-pussess tal-fond minghajr titolu validu fil-ligi;

Illi minhabba f'dan l-agir tal-konvenuta l-Awtorita` tad-Djar soffriet danni u dan minhabba l-okkupazzjoni llegali mill-konvenuta tal-fond in kwistjoni;

Illi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x' jaghtu ghat-talba ghall-izgumbrament mill-fond Appartament numru sitta (6), Entratura D, Triq Guzeppi Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida, u dan kif jirrizulta mill-afffidavit li qed jigi anness bhala Dok D;

Ghaldaqstant, previa kull dikjarazzjoni li hi necessarja, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha:

1. Previa d-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Artikoli 167 u Artikoli sussegwenti tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom naqsu mill-obbligi taghhom naxxenti mill-kuntratt datat ghaxra (10) t'April tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Angele Rapa u tiddikjara ulterjorment li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond Appartament numru sitta (6), Entratura D, Triq Guzeppi Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida, minghajr titolu validu fil-ligi;

3. Tordna lill-konvenuti kollha jizgumbraw mill-fond Appartament numru sitta (6), Entratura D, Triq Guzeppi Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida, fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din il-Qorti u tordna li l-pussess battal tal-Appartament numru 6, Entratura D, Triq Guzeppi

Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida, jigi ritornat lill-Awtorita` tad-Djar.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati dsatax (19) t'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) u b'riserva specifika ghal kull azzjoni ohra fil-ligi inkluz dik ghad-danni ghall-okkupazzjoni illegali. Il-konvenuti ingunti jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta’ April 2017, b’ ordni lill-intimati biex jidhru f’ dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa’ t-talba tal-rikorrenti. Il-Qorti ordnat in-notifika tal-avviz tas-smigh tar-rikors lill-partijiet permezz tal-purtier.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma l-Hamis, 5 ta’ Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Raymond Zammit ghall-Awtorita` attrici. L-intimata debitament imsejha tliet darbiet baqghet ma dehritx. Deher l-intimat. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr Ludvic Caruana ghall-intimat prezenti. Deher ukoll Dr Raymond Zammit ghall-Awtorita` attrici. Dr Caruana informa lill-Qorti li l-intimat prezenti m'ghandux eccezzjonijiet x'jissolleva.

## II. <u>Konkluzjoni</u>

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Issib li t-talbiet attrici huma fondati u jimmeritaw konferma.

Ghalhekk wara li rat l-Art 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta **tilqa' t-talbiet** kollha attrici bid-dispensa tas-smigh fl-istess termini tal-artikoli imsemmija, b'dan illi ghal fini tat-tielet (3) talba tordna lill-konvenuti kollha sabiex jizgumbraw mill-fond in mertu, ossia l-appartament numru sitta (6), Entratura D, Triq Guzeppi Maria Pugliesevic, Is-Swatar, Msida, fi zmien perentorju ta' erba' (4) xhur mil-lum, u tordna lill-istess intimati sabiex jghaddu l-pussess battal tal-istess fond ossia appartment lill- Awtorita` tad-Djar.

L-ispejjez - inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati dsatax (19) t'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) – u l-ispejjez gudizzjarji jigu sopportati mill-intimati *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta' Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Mejju 2017**